



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, il-15 ta' Ġunju 2022

Jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni tal-UE: I-Istati Membri jridu jinvolve lilhom infushom aktar

Biex jingħalaq id-distakk persistenti tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) u jiġi sfruttat il-potenzjal tal-eċċellenza f'pajjiżi li għadhom lura, il-Kummissjoni Ewropea qed tapplika miżuri speċjali (magħrufa bħala miżuri ta' "twessigħ") biex tagħti lil daww il-pajjiżi aċċess aħjar għall-finanzjament ewlieni tal-UE. Madankollu, f'rapport li ġie ppubblikat illum, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabet li bidla reali tiddependi fil-biċċa l-kbira mill-gvernijiet nazzjonali, li jridu jagħmlu r-R&I prijorità sabiex jizjed l-investiment u r-riformi. Il-miżuri ta' twessigħ jistgħu biss jagħtu spinta lill-progress ta' dawn il-pajjiżi, iżda waħedhom ma għandhomx biżżejjed setgħa biex jgħolqu l-bidliet meħtieġa fl-ekosistemi nazzjonali tar-R&I.

Il-parteċipazzjoni fil-programmi pluriennali tar-R&I tal-UE hija bbażata fuq l-eċċellenza, li jfisser li jintgħażlu biss l-aħjar proposti. B'riżultat ta' dan, ir-riċerkaturi u l-innovaturi minn pajjiżi bi prestazzjoni baxxa – li għandhom ekosistemi tar-R&I inqas żviluppati – jiffaċċaw diffikultajiet biex jikkompetu mal-pari tagħhom li jkunu ġejjin minn pajjiżi bi prestazzjoni aħjar, u jirnexxihom inqas ta' spiss jakkwistaw postijiet fuq il-programmi, u dan min-naħa tiegħu jillimita l-potenzjal tal-pajjiżi tagħhom li dawn jgħlbu n-nuqqasijiet tagħhom fir-R&I. L-UE indirizzat dan iċ-ċirku vizzjuż billi introduċiet miżuri biex titwessa' l-parteċipazzjoni fil-programm ta' finanzjament Orizzont 2020 għall-perjodu 2014-2020. Dawn il-miżuri kienu mmirati lejn it-13-il pajjiż li ssieħbu fl-UE mill-2004 'l hawn, bil-Lussemburgu u l-Portugall miżjuda magħhom.

"Biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-UE u jingħalaq id-distakk bejn il-mexxejja tal-innovazzjoni u l-innovaturi modesti, jenħtieġ li r-riċerkaturi mill-UE kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-programmi ta' finanzjament tagħha," qalet Ivana Maletić, il-Membru tal-QEA inkarigata bir-rapport. *"Il-Kummissjoni tgħin lill-pajjiżi bi prestazzjoni baxxa biex ilaħħqu, iżda l-appoġġ li tagħti ma jagħmilx il-mirakli u jista' jaġixxi biss bħala katalist. Biex jtkisser iċ-ċirku vizzjuż, l-Istati Membri jridu jagħtu sehemhom bis-sħiħ."*

L-awdituri kkonkludew li l-miżuri ta' twessigħ kienu adatti għall-użu, fis-sens li indirizzaw ir-raġunijiet għalfejn ċerti pajjiżi tal-UE jbatu minn prestazzjoni baxxa fir-R&I u minn parteċipazzjoni limitata fi programmi suċċessivi tal-UE. Madankollu, l-awdituri jikkritikaw il-fatt li l-proġetti tat-twessigħ kienu kkonċentriati fi ftit pajjiżi biss. Dan jirriskja li jipperpetwa iċ-ċirku vizzjuż, billi għal darb'oħra xi wħud mill-pajjiżi mmirati bbenefikaw sinifikattivament inqas mill-miżuri ta' twessigħ.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

L-awdituri jappellaw lill-Kummissjoni biex tevita li tagħti l-biċċa l-kbira mill-proġetti lil ftit pajjiżi biss, u biex tiegħu passi biex tikseb parteċipazzjoni usa' jekk jitfaċċaw żbilanċi qawwija kontinwi.

Madankollu, il-fattur kruċjali li jiddetermina l-prestazzjoni ta' pajjiż huwa l-livelli ta' investiment nazzjonali tiegħu fir-R&I, kif ukoll ir-riformi tiegħu. Fl-2020, l-investiment medju fir-R&I fl-UE kien ta' 2.3 % tal-PDG — taħt il-mira ta' 3 %. Mill-15-il pajjiż tat-twessigħ tal-parteċipazzjoni, is-Slovenja u ċ-Ċekja biss investew aktar minn 2 %. Barra minn hekk, mhux il-pajjiżi kollha għamlu użu mill-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki (PSF), li hija wieħed minn sensiela ta' strumenti ta' politika li l-Kummissjoni pprovdiet biex tgħin hom irawmu riformi nazzjonali. Il-pajjiżi kienu ħielsa jiddeċiedu jekk u kif imexxu 'l quddiem ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-PSF, li jfisser li ftit li xejn kellha setgħa li twassal għal bidla. Minkejja dan, il-Kummissjoni użat l-għarfien li kisbet mill-attivitajiet tal-PSF għall-valutazzjonijiet li wettqet tal-pajjiżi fir-R&I bħala parti mill-koordinazzjoni annwali tal-politiki ekonomiċi u fiskali (magħrufa bħala s-“Semestru Ewropew”).

Il-biċċa l-kbira mill-proġetti tat-twessigħ għadhom għaddejnin, u għaldaqstant l-impatt sħiħ tagħhom se jitfaċċa biss fis-snin li ġejjin. Xorta waħda, l-awdituri sabu li l-proġetti kienu qed jibdeu juru riżultati inizjali promettenti, pereżempju f'termini tal-għadd ta' pubblikazzjonijiet xjentifiċi, in-networking u l-aċċess għal aktar finanzjar b'għotjiet. Madankollu, il-proġetti ffaċċaw ukoll problemi billi kellhom diffikultajiet f'dak li jirrigwarda l-garanzija tal-finanzjament komplementari meħtieġ fi żmien opportun, ir-reklutaġġ ta' riċerkaturi internazzjonali u, l-aktar importanti, biex jiġġeneraw l-introjt tagħhom stess sabiex isostnu lilhom infushom. L-awdituri analizzaw żewġ miżuri mmirati lejn il-ħolqien ta' effetti dejjiema għall-benefiċjarji: il-ħolqien ta' timijiet (appoġġ għaċ-ċentri ta' eċċellenza) u l-Presidenti taż-ŻER (jinġiebu akkademiċi eċċellenti fl-istituzzjonijiet tar-riċerka). Sabu li l-benefiċjarji ta' dawn il-miżuri kellhom biss setgħa limitata biex jisfruttaw ir-riżultati tar-riċerka tagħhom.

Informazzjoni ġenerali

Mill-1984 'il hawn, l-UE pprovdiet appoġġ għar-R&I permezz ta' programmi qafas suċċessivi bħal Orizzont 2020 (li jkopri l-perjodu 2014-2020 b'baġit ta' EUR 76.4 biljun) u Orizzont Ewropa (2021-2027, EUR 95.5 biljun). Ir-raġunijiet għall-prestazzjoni baxxa u l-parteċipazzjoni limitata ta' ċerti pajjiżi f'Orizzont 2020 jinkludu ekosistemi inadegwati tar-R&I (eż. governanza frammentata, investimenti limitati), defiċits fil-kapital uman (eżodu ta' mħuħ) u internazzjonalizzazzjoni limitata tal-istituzzjonijiet tar-R&I. L-għan tal-miżuri ta' twessigħ kien li tingħata spinta lill-kapaċità tal-istituzzjonijiet ta' riċerka tal-pajjiżi bi prestazzjoni baxxa billi jingħataw għajjnuna f'dak li jirrigwarda networking, tişhib ma' istituzzjonijiet ewlenin u attirazzjoni ta' persunal li jkollu livell għoli ta' ħiliet. Il-baġit għal dawn il-miżuri għall-perjodu 2014-2020 kien ta' EUR 935 miljun taħt Orizzont 2020 u ta' EUR 2.95 biljun għall-perjodu 2021-2027 taħt Orizzont Ewropa. L-Istati Membri kollha kklassifikati bħala pajjiżi tat-twessigħ tal-parteċipazzjoni taħt Orizzont 2020 żammew dan l-istatus taħt Orizzont Ewropa, bl-eċċezzjoni tal-Lussemburgu, li ġie sostitwit mill-Greċja.

Ir-Rapport Speċjali 15/2022, “Il-miżuri biex titwessa' l-parteċipazzjoni f'Orizzont 2020 tfasslu tajjeb, iżda bidla sostenibbli se tiddependi l-aktar fuq l-isforzi mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali”, huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu). Aktar tard din is-sena, il-QEA se tippubblika rapport speċjali dwar is-sinerġiji bejn Orizzont 2020 u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Damijan Fišer: damijan.fiser@eca.europa.eu – M: (+352) 621 552 224
- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu – M: (+352) 691 551 502
- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu – M: (+352) 691 553 547